# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**Aġent President**

**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK CHETCUTI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 9 ta' Ottubru 2017**

**Numru 1**

**Appell numru 370/2016**

**Waste Collection Limited**

***v.***

**Il-Kunsill Lokali Ħamrun u Saviour Mifsud**

1. Din is-sentenza hija dwar talba magħmula minn *Waste Collection Limited* ["*Waste Collection*"] biex jinstema' mill-ġdid appell maqtugħ b'sentenza ta' din il-qorti tal-10 ta' Jannar 2017 ["is-sentenza attakkata"], wara li titħassar dik is-sentenza għax tgħid illi s-sentenza applikat il-liġi ħażin (art. 811 para. (*e*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili).

2. Il-fatti relevanti huma dawn: Il-Kunsill Lokali tal-Ħamrun ["il-Kunsill Lokali"] għamel sejħa għal offerti għall-ġbir ta' skart domestiku. Saru diversi offerti, fosthom dawk minn *Waste Collection* u minn Saviour Mifsud. Lill-Kunsill Lokali deherlu li kellha tintlaqa' l-offerta ta' Saviour Mifsud. Billi *Waste Collection* ma qablitx ma' din id-deċiżjoni ressqet ilment b'ittra tas-26 ta' Jannar 2016 indirizzata lill-Kunsill Lokali. L-ilment instema' quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi ["il-Bord ta' Reviżjoni"], imwaqqaf taħt ir-Regolamenti tal-2010 dwar il-Kuntratti Pubbliċi, Avviż Legali 296 tal-2010, Leġislazzjoni Sussidjarja 174.04 ["ir-Regolamenti"] (illum sostitwiti bir-Regolamenti tal-2016 dwar l-Akkwist Pubbliku).

3. Fost is-sottomissjonijiet magħmula quddiem il-Bord ta' Reviżjoni kien hemm dik ta' Saviour Mifsud illi l-appell ta' *Waste Collection* "*was null because of the deposit made*". Fuq din is-sottomissjoni l-Bord ta' Reviżjoni iddeċieda hekk:

> »That the deposit paid by appellant is incorrect; this board credibly notes that the deposit should have been €2,250 and not €587 which represents the estimate[d] value of €75,000 *per annum* for four years at .75% as per regulation 84 clause 1 of Legal Notice 296 of 2010. In this regard, this board upholds the preferred bidder's grievance.«

4. Minkejja dan, il-Bord ta' Reviżjoni b'deċiżjoni tas-17 t'Awissu 2016 laqa' l-appell ta' *Waste Collection* – għax sab li Saviour Mifsud ma kellux xi apparat li suppost kellu meta għalqet is-sejħa għal offerti – u ordna li l-proċess kollu tas-sejħa għal offerti jitħassar u s-sejħa ssir mill-ġdid.

5. Minn din id-deċiżjoni appellaw kemm Saviour Mifsud u kif ukoll *Waste Collection*. Din il-qorti, bis-sentenza tal-10 ta' Jannar 2017 ["is-sentenza attakkata"], qieset l-appell ta' *Waste Services* quddiem il-Bord ta' Reviżjoni bħala "irritu u null" u għalhekk laqgħet l-appell ta' Saviour Mifsud u ħassret id-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni għal-raġunijiet li fissrithom hekk:

> »Iż-żewġ applikanti milquta appellaw mid-deċiżjoni tal-Bord għax isostnu, Saviour Mifsud li l-bord ma kellux jidhol fil-meritu tal-każ peress illi l-appell tas-soċjetà *Waste Collection Limited* kien null u bla effett għax ma sarx depożitu tas-somma li trid il-ligi, u *Waste Collection Limited*, li l-bord iddeċieda ħażin li jħassar it-*tender* għax darba li Saviour Mifsud ma kellux jingħata l-punti li ngħata, hu kellu jordna li l-kuntratt jingħata lilha.
>
> »… … …
>
> »Illi din il-qorti tara illi għandha, fl-ewwel lok, tiddisponi mill-appell ta' Saviour Mifsud, għax, jekk għandu raġun fis-sottomissjoni tiegħu, l-appell ta' *Waste Collection Limited* quddiem il-bord kellu jitqies null u ma kellux jiġi kkonsidrat aktar mill-istess bord.
>
> »Skont Artikolu 84(1) tal-Avviż Legali 296 tal-2010 (Regolamenti tal-2010 dwar il-Kuntratti Pubbliċi), li jinsab fit-Taqsima XIII ta' dan l-Avviż Legali u li jitkellem, b'mod ġenerali, fuq il-proċedura għall-preżentata ta' appelli:
>
>> »"… L-avviż ta' oġġezzjoni għandu jkun biss validu jekk flimkien miegħu jkun hemm depożitu ekwivalenti għal wieħed fil-mija tal-valur stmat tal-offerta kif magħmula mill-offerent, iżda f'ebda każ m'għandu d-depożitu jkun ta' anqas minn elf u mitejn euro (€1,200) jew iżjed minn tmienja u ħamsin elf euro (€58,000) …".
>
> »Fil-każ, mal-appell tagħha, is-soċjetà *Waste Collection Limited* iddepożitat biss is-somma ta' €587 għax qalet li d-depożitu kellu jkun ekwivalenti għal 1% tal-valur tal-kuntratt għal sena wahda. Din il-qorti mhux se tidħol, f'dan il-każ, f'interpretazzjoni tal-klawżola relattiva tad-dokumenti annessi mal-ħruġ tat-*tender*, biex tara jekk id-depożitu kellux jiġi kkalkolat fuq żmien ta' sena, kif tgħid is-soċjetà appellanti, jew fuq żmien ta' erba' snin, kif qal il-bord, għax ir-Regolament fuq imsemmi jiddisponi b'mod ċar li, f'kull każ, id-depożitu ma għandux ikun anqas minn €1,200. Id-depożitu ta' €587 li sar ma jissodisfax il-vot tal-liġi, u l-appell li għamlet is-soċjetà *Waste Collection Limited* quddiem il-bord kellu jitqies mhux validu. Milħuqa din l-unika konklużjoni possibbli, il-bord kellu jieqaf hemm u mhux iqis l-appell fil-meritu. Jekk appellant għandux jew le raġun fil-meritu tal-appell tiegħu huwa immaterjali, jekk l-appell innifsu ma jkunx ġie ppreżentat kif trid il-liġi.
>
> »Darba li l-appell tas-soċjetà *Waste Collection Limited* kien null, kien hekk *ab initio*, u d-deċiżjoni li ha l-bord fuq appell null hija wkoll nulla u

invalida. Milħuqa din il-konklużjoni, ifisser li l-appell ta' *Waste Collection Limited* quddiem din il-qorti dwar il-meritu tad-deċiżjoni tal-bord ma jistax jiġi kkonsidrat u anqas milqugħ.

»Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell ta' Saviour Mifsud billi tilqa' l-istess u tħassar u tirrevoka s-sentenza li ta l-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi fis-17 ta' Awissu 2016, u tiddeċiedi li l-appell li ressqet is-soċjetà *Waste Collection Limited* quddiem l-istess bord bħala irritu u null; fiċ-ċirkostanzi, tiċħad l-appell tas-soċjetà *Waste Collection Limited*.

»Tordna wkoll li d-depożitu li sar mis-soċjetà *Waste Collection Limited* għall-appell tagħha quddiem il-bord jintilef, u li l-ispejjeż marbuta ma' din il-proċedura jitħallsu kollha mis-soċjetà *Waste Collection Limited*.«

6. B'rikors tat-12 ta' Jannar 2017 *Waste Collection* talbet li din il-qorti tisma' l-appell tagħha u dak ta' Saviour Mifsud mill-ġdid wara li tħassar is-sentenza attakkata għax tgħid illi dik is-sentenza applikat il-liġi ħażina. Il-Kunsill Lokali wieġeb fit-2 ta' Frar 2017 u Saviour Mifsud ukoll wieġeb fit-2 ta' Frar 2017.

7. L-aggravju ta' *Waste Collection* essenzjalment huwa li l-qorti applikat ir-reg. 84 tar-Regolamenti meta kellha tapplika r-reg. 21.

8. Ir-reg. 21, li jinsab fit-Taqsima II tar-Regolamenti – Regoli li jirregolaw kuntratti pubbliċi li l-valur tagħhom ma jeċċedix mija u għoxrin elf euro (€120,000) – igħid hekk fil-parti relevanti:

»**21.** (1) Meta il-valur stmat tal-kuntratt pubbliku jkun jeċċedi tnax-il elf euro (€12,000)[1] u jkun maħruġ minn xi awtorità elenkata fl-Iskeda 1[2], kull offerent jew kandidat involut ikollu jedd jagħmel ilment lill-Bord ta' Reviżjoni kif hemm fil-proċedura li tinsab f'dan ir-regolament.

»(2) … … …

»(3) Kull offerent jew kandidat involut li jista' jkun aggravat bl-għoti indikat mill-awtorità kontraenti jista', fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mid-data tan-notifika, jippreżenta ittra ta' oġġezzjoni,flimkien ma' depożitu, lill-awtorità kontraenti, fejn jiddikjara b'mod l-aktar ċar xi jkunu r-raġunijiet għall-ilment tiegħu. Id-depożitu li jrid jiġi mħallas għar-rigward ta' sejħiet għal offerta stmati inqas minn sebgħa u

---

[1] Iżda ma jkunx jeċċedi mija u għoxrin elf euro (€120,000).

[2] Fosthom il-kunsilli lokali.

erbgħin elf euro (€47,000) għandu jkun ta' erba mitt euro (€400), filwaqt illi għal dawk stmati bejn sebgħa u erbgħin elf euro (€47,000) u mija u għoxrin elf euro (€120,000) għandu jkun ta' 0.5 fil-mija tal-istima tas-sejħa għal offerti, b'depożitu minimu ta' erba' mitt euro (€400). L… … …«.

9. Ir-reg. 84, li jinsab fit-Taqsima XIII – Proċedura għall-preżentata ta' appelli – jgħid hekk fil-parti relevanti:

> »**84.** (1) Offerent jew kandidat involut, jew kull persuna, li jkollhom jew li darba kellhom interess jew li ssirilhom ħsara jew li jirriskjaw li ssirilhom ħsara bi ksur allegat jew b'xi deċiżjoni meħuda inkluż l-għoti propost fil-ksib ta' kuntratt jew it-tħassir ta' sejħa għal offerta, jistgħu jippreżentaw avviż ta' oġġezzjoni quddiem il-Bord ta' Reviżjoni.
>
> »… … …
>
> » L-avviż ta' oġġezzjoni għandu jkun biss validu jekk flimkien miegħu jkun hemm depożitu ekwivalenti għal 0.75 fil-mija tal-valur stmat tal-offerta sħiħa qabel il-pubblikazzjoni jew jekk l-offerta hi maqsuma f'lottijiet skont il-valur stmat tal-offerta għal kull lott magħmula mill-offerent, iżda f'ebda każ m'għandu d-depożitu jkun ta' anqas minn elf u mitejn euro (€1,200) jew iżjed minn tmienja u ħamsin elf euro (€58,000).«

10. Relevanti wkoll huwa r-reg. 18 li jgħid hekk:

> »18. Meta l-valur stmat ta' kuntratt pubbliku ma jeċċedix mija u għoxrin elf euro (€120,000) għandhom japplikaw biss id-disposizzjoni-jiet rilevanti tat-Taqsima I u t-Taqsima II kollha kemm hi.«

11. Il-kwistjoni hi jekk il-"valur stmat" tal-kuntratt jaqbiżx mija u għoxrin elf euro (€120,000) jew le. Jekk le, ma jintlaqatx ir-reg. 84, li ma jinsabx fit-Taqsima I jew fit-Taqsima II u għalhekk is-sentenza attakkata, safejn applikat ir-reg. 84, tkun applikat il-liġi ħażina.

12. Wara li sar l-ilment ta' *Waste Collection* b'ittra tas-26 ta' Jannar 2016 lill-Kunsill Lokali, l-istess Kunsill Lokali bagħat id-dokumenti relativi lill-Bord ta' Reviżjoni, fosthom *information sheet*. Din l-*information sheet* tgħid illi l-ilment ta' *Waste Collection* kien "*filed in terms of regulation 21 of S.L. 174.04*". Fil-fatt ir-reg. 21(4) ta' dak ir-Regolament igħid illi

l-awtorità kontraenti – f'dan il-każ il-Kunsill Lokali – "għandha tibgħat l-ittra bl-ilment, l-irċevuta għad-depożitu u d-dokumenti kollha li jkoll-hom x'jaqsmu mal-kuntratt pubbliku inkwistjoni lill-Bord ta' Reviżjoni". L-*information sheet* tagħti wkoll dan it-tagħrif dwar il-valur stmat tal-kuntratt:

> »Estimated value of tender (exclusive of VAT): €75,000 yearly
>
> »Recommended contract value (exclusive of VAT):
>
> » €62,279.66 for the year 2016
>
> » €63,038.14 for the years 2017-2019«

13. Relevanti wkoll dak li jgħid id-dokument kuntrattwali:

> »Duration of Contract
>
> »Subject to earlier termination in accordance with the provisions of the General Conditions of Contract, the contract period shall be valid for a period of 4 years commencing on 20th November 2015.
>
> »Renewal of Contract
>
> »This contract is for the period of one year commencing from the date of signature of the said contract and will be renewed every year up to four years unless any one of the parties involved expresses in writing otherwise.«

14. Il-kwistjoni mela hija jekk il-kuntratt huwiex għal sena – kif tgħid *Waste Collection*, u f'dan il-każ il-valur stmat tal-kuntratt ma jkunx jaqbeż mija u għoxrin elf euro (€120,000) u għalhekk jintlaqat bir-reg. 21 – jew huwiex għal erba' snin, u f'dan il-każ il-valur ikun jaqbeż mija u għoxrin elf euro (€120,000) u ma jintlaqatx bir-reg. 21.

15. Il-fatt illi l-kuntratt jirregola r-relazzjonijiet bejn il-partijiet għal erba' snin ifisser illi huwa kuntratt għal erba' snin, għalkemm jista' jinħall qabel. Ladarba fih innifsu jaħseb għall-possibilità li jingħataw servizzi u l-ħlas għalihom għal erba' snin, taħt l-istess kondizzjonijiet ġà regolati fil-

kuntratt innifisu, mela ma jistax jingħad illi huwa kuntratt għal sena biss, għalkemm kull parti tista' jekk trid ittemmu wara sena.

16. Għal din ir-raġuni l-valur stmat tal-kuntratt għandu jitqies illi jaqbeż mija u għoxrin elf euro (€120,000) u għalhekk ma jintlaqatx bir-reg. 21 tar-Regolamenti. Is-sentenza attakkata, għalkemm naqset meta ma qisitx jekk il-kuntratt kienx għal sena jew għal erba' snin, għax kellha bilfors tagħmel hekk biex tara x'kien il-valur stmat tal-kuntratt, madankollu għamlet sew li ma applikatx ir-reg. 21.

17. Il-qorti għalhekk tiċħad it-talba ta' *Waste Collection* għat-tħassir tas-sentenza attakkata u għas-smigħ mill-ġdid tal-appelli.

18. L-ispejjeż ta' dan l-episodju tħallashom *Waste Collection*.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Aġent President | Noel Cuschieri<br>Imħallef | Mark Chetcuti<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur

ld